**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 894/2023 GM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 974/2023**

**Daniel KIS (Passaport Awstrijakk Nru U0153551) debitament rappreżentant mill-mandatarja speċjali tiegħu Avv. Sarah Sultana (K.I. 0012581M)**

**vs**

**Leovegas Gaming plc (C 59314)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors b'urġenza ta' Leovegas Gaming plc tal-10 t'Awwissu 2023.

Rat ir-risposta ta' Daniel Kis tal-20 t'Ottubru 2023.

Tipprovdi dwar it-talbiet billi tordna li:

(1) Sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet tal-proċeduri ta' rifjut imressqin skont it-termini tar-Regolament, tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza tad-District Court Bruck an der Leitha` ġewwa l-Awstrija tal-27 t'Ottubru 2022 liema sentenza ma ġietx appellata, li hemm favur Daniel Kis fis-sens li ma jkunx jista' jiżbanka kwalsiasi flus li hemm iddepożitati jew li jistgħu jiġu depożitati fir-reġistru tal-Qorti b'effett tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 974/2023 minnu ppreżentat.

(2) Lanqas Mr Green Limited ma tkun tista' tiżbanka l-istess flus.

(3) L-ispejjeż ta' din il-proċedura tbatihom Mr Green Limited.

Mogħti kameralment illum 7 ta' Novembru 2023.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA